MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Talba Numru. 314/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Carmen Nominaniak Novak (K.I. 696648M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' hames mija u sebgha u sebghin ewro u zewg ewro centezmi (€577.02) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici skont Client Contract Number 422012 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru, 2009 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, dawk tal-ittra ufficjali lill-banek relattiva

ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fl-24 ta’ Marzu, 2010 mill-PL Peter Paul Sammut u l-fatt li  l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l- konvenuta naqset  li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------